MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 566/2004

**Avviz numru 566/04DM**

**Simon Farrugia (ID 718144(M))**

**Vs**

**Charles Borg (ID 594760 (M)) u Mary Grace Borg (ID 429665 (M))**

**Il-Qorti,**
Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm2,510) solidalment bejniethom u dan skond ma obbligaw ruhhom li jaghmlu skond skrittura ffirmata minnhom fl-20 ta' Lulju, 2004, (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-31 ta' Lulju, 2004, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti ghalkemm ikkontestaw it-talba, naqqsu li jipprezentaw l-eccezzjonijiet formali fi zmien minnhom dikjarat u anke naqqsu illi jipprezentaw il-provi taghhom in kontestazzjoni ta' dawk prodotti mill-atturi.

Ghaldaqstant wara li semghet lill-attur bil-gurament u rat id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm2,510) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Lulju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------